**21 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

John Portelli

*versus*

Thomas Ritchie

**Appell.**

*L appaltatur ma għandux dritt jeżiġi l-ħlas tax-xogħol li jkun indaħal għalieh qabel ma jkun lesta x-xogħol kollu li għalieh jkun ikkuntratta bi prezz uniku. L-azzjoni tiegħu għal dan il-ħlas h'ja ntempestiva sakemm ix-xogħol ma jkunx tlesta kollu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-attur għamel xogħol ta' tibjid u żebgħa u tqegħid ta' ħġieġ fuq inkarigu tal-konvenut, u għandu jieħu minn għandu ta' dan ix-xogħol is-somma ta' £19.15.0; talab li l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £19.15.0 fuq imsemmija għax-xogħol fuq imsemmi fil-fond 20 Cospicua Road, Pawla. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' April 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi x-xogħol in kwistjoni ma ġiex mogħti f'darba waħda; l-ewwel kien hemm il-ftehim bil-prezz ta' £15, u fil-kors tax-xogħol sar il-ftehim dwar il-"water paint" għall-intrata u taħt it-taraġ (fol. 23 u 24). *Għalhekk si tratta ta'* żewġ konvenzjonijiet, li għandhom jiġu kunsidrati separatament;

Illi dwar ix-xogħol tal-£15 hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet jekk sarx kollu jew le. Il-konvenut jgħid li t-travi tal-ħanut għadhom ma nżebgħux . . . . ; minn naħa tiegħu l-attur jgħid li x-xogħol ma għamlux għaliex ma kienx ġie miftiehem; għalhekk jeħtieġ jiġi eżaminat liema hija l-versjoni l-aktar attendibbli. Helen Ritchie, mart il-konvenut . . . . ; l-attur beda biex jgħid . . . .;

Illi fost iż-żewġ versjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li hija aktar attendibbli dik tal-konvenut. Difatti mhux kontestat illi . . . . . alternattiva din li mhix spjegabbli jekk il-ftehim qatt ma kien sar;

Illi l-konvenut, fost l-eċċezzjonijiet l-oħra, qiegħed jopponi l-intempestività tal-azzjoni minħabba li x-xogħol mhux lest kollu, u għal-konsiderazzjonijiet ġa miġjuba l-Qorti tirritjeni fondata l-eċċezzjoni; u konsegwentement l-attur, għal issa, ma jistgħax jippretendi l-ħlas tal-£15, li huwa l-korrispettiv ta' xogħol "uniku" fl-intenzjoni tal-partijiet, qabel ma dan ix-xogħol ikun tlesta kollu;

Jgħid f'dan ir-rigward Vitalevi:— "Quando l'appalto fu dato a prezzo fatto ed in modo aversionale, allora prevale il principio per cui nell'intenzione sovranamente presunta delle parti quello che si è voluto è l'opera completa e finita in ogni sua parte — 'opus absolutum et perfectum'; pertanto, finchè l'opera non è tutta finita, non si potrebbe chiedere a rigore l'intera mercede, nè una parte di essa" (Digesto Italiano, Appalto di Opere e Lavori, p. 288). U aktar il-quddiem, l-istess awtur ikompli josserva:— "Per rendere esigibile il prezza finale e totale, l'opera deve essere tutta ultimata...... il prezzo è liquido ed esigibile quando tutti i lavori preventivati sono eseguiti e consegnati" (op. ċit., p. 290). F'dan is-sens iddeċidiet din il-Qorti fil-kawża "Farrugia vs. Cassar Demajo" fis-26 ta' Mejju 1958;

Illi konsegwentement, "rebus sic stantibus", l-attur mhux intitolat jeżigi l-prezz ta' £15 relattiv għall-ewwel appalt;

Illi l-istess ħaġa ma tistgħax tingħad għar-rigward tat-tieni appalt u tax-xogħol barrani relattiv għall-ħġieġ, għaliex ix-xogħol sar. Xejn ma jiswa illi, dwar il-"water paint", il-konvenut oppona li sar ħażin; għaliex f'dan hu kontraddett mhux biss mill-attur, iżda mill-aħjar prova prodotta, jiġifieri mill-prova peritali, li kkwalifikat anki dan ix-xogħol bħala soddisfaċenti;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' £4.15.0, bl-imgħax legali kif mitluba; u għall-kumplament tilliberà lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż jitħallsu skond ir-rebħ u t-telf, barra dawk tar-rikors preżentat fis-7 ta' Marzu 1960, li għandhom jibqgħu għall-konvenut.